



# Patrimonju kbir ta' statwi u niċeċ fil-Mosta *(it-tieni parti)*

Minn Nicholas Grech

*Wara li l-ewwel parti ta' dan l-artiklu dettaljat ġiet ippubblikata fl-edizzjoni numru 36 tal-Annwal, li ħarġet fis-sena 2023, din is-sena qed nippubblikaw it-tieni parti ta' dan l-istudju dettaljat dwar statwi u niċeċ li jżejnu t-toroq Mostin.*

Qabel nibdew bit-tieni parti ta' dan l-artiklu, xtaqt insemmi li dan kien inkiteb mal-ħames snin ilu. Għalhekk ir-ritratti tan-niċeċ u statwi huma minn ta' dak iż-żmien, b'uħud jidhru qabel ġew restawrati riċentament. Ukoll rigward l-ewwel parti hemm dawk imsemmija li jiġu fi Triq il-Kbira, li llum dik it-tali parti tat-triq issemmiet minflok Triq il-Bażilika u wħud anki ġew bin-numru tal-bieb differenti, u xi korrezzjonijiet u tagħrif ieħor li sirt naf maż-żmien, fosthom l-iskrizzjoni taħt l-Assunta ta' Triq Sant' Anna Nru. 32, maħduma mill-iskultur Żebbuġi Lawrence Attard trid tiġi tradotta aħjar '*Marija ġiet imtellgħa fis-sema. Jifirħu l-anġli. Ifaħħru u jbierku lill-Mulej, sena 2008*', silta mill-kantiku/antifona li titkanta fil-quddiesa f'ġieħ l-Assunta. Din hi wkoll l-iskrizzjoni li Grognet oriġinarjament kellu ħsieb li jdaħħal fil-frież taħt it-tanbur skont ma tidher fil-pjanta li hemm fis-sagristija, liema frież baqa' ma sarx wara li kummissjoni kienet approvat il-pjanti ta' Grognet għajr għal xi tibdil żgħir.

Rigward iż-żewġ riljievi msemmija tal-Ewkaristija fi Triq Santa Margerita, dawn taf kienu djar ta' nies msieħba f'waħda mill-ewwel żewġ fratellanzi li kellna tista' tgħid kważi mat-twaqqif tal-Mosta bħala parroċċa, dik tas-Sagrament, ta' Corpus, jew kellhom xi konnessjoni mal-Ġiżwiti (fl-1593 fi żmien l-Isqof Tumas Gargallo bdew bit-tagħlim f'Malta) għax huma maħduma fuq l-emblema tal-bidu tagħhom skont ma jidher f'manuskritt tal-1586 u kif anki nsibuha fuq il-bieb tal-ġenb tal-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt (maż-żmien l-emblema evolviet fejn tneħħiet il-qalb mill-parti ta' taħt u baqgħu biss it-tliet imsiemer, simbolu tal-passjoni ta' Kristu u wkoll tat-tliet doti tal-Ġiżwiti: il-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza).

Dak datat 1621, taf kien sar f'għeluq il-100 anniversarju mindu l-fundatur tal-Ġiżwiti San Injazju ta' Loyola kien indarab serjament fl-1521 fil-battalja ta' Pamplona u sussegwentement beda t-triq biex bidel ħajtu u kkonverta, sena qabel ġie dikjarat qaddis fl-12 ta' Marzu, 1622, u *65* sena minn mewtu fl-1556 fl-età ta' *65* sena (u allura 130 sena [*65*x2] minn twelidu fl-1491). L-ieħor datat 1664, taf kien sar f'għeluq l-400 anniversarju mindu Papa Urban IV kien waqqaf il-festa ta' Corpus fl-1264 wara l-miraklu Ewkaristiku sena qabel f'Bolsena l-Italja, li l-istorja tgħid li kien waqaf hemm qassis Ġermaniż, Pietru ta' Praga, hu u sejjer f'pellegrinaġġ lejn Ruma meta waqt li kien qed iqaddes ġieh dubju minn kemm fl-ostja hemm verament Kristu preżenti. Hekk kif beda jlissen il-kliem tal-Konsagrazzjoni jingħad li demm beda jċarċar mill-Ostja kkonsagrata għal fuq idu, l-artal, l-art [għada mmarkata sal-lum] u l-korporal [jinsab illum fil-katidral viċin ta' Orvieto]). Kumbinazzjoni s-sena 1664 taħbat ukoll is-sena meta nbniet il-kappella ta' San Silvestru fil-Mosta mill-Kavallier demm Malti Silvestru Fiteni.

Mir-riljievi ridt insemmi wkoll ieħor fi Triq Tal-Wej, tal-Madonna tal-Karmnu, l-uniku riljiev li fadal tal-Madonna taħt dan it-titlu. Rigward l-istatwi mal-faċċata tar-restorant Is-City fi Triq il-Kbira ta' San Pietru u San Pawl, dawn x'aktarx huma xogħol l-iskultur Mosti Salvatore Dimech għax huma kopji ta' statwi tal-istess qaddisin li hu ħadem għaz-zuntier tal-knisja tan-Nadur, Għawdex, u ta' statwa kbira ta' San Pawl (dawn is-San Pawlijiet maħduma fuq San Pawl tar-Rabat u l-Belt) li nsibu fi Triq il-Forn, f'Ħal Lija, ir-raħal fejn kien mar joqgħod darba żżewweġ, u anki l-lavur fuq il-mensola li fuqha hemm San Pietru tas-City tixbah dik li hemm mal-faċċata tal-kappella ta' San Pietru f'Ħal Lija fl-istess pjazzetta fejn ħadem l-imsemmi San Pawl kbir. It-total ta' statwi u niċeċ irid jiġi rivedut għal xi 134, bejn oħrajn li sirt naf u oħrajn li tlifna.

## *It-tieni parti*

### Statwi li nsibu f'niċeċ

Fil-Mosta nsibu mas-77 statwa f'niċeċ li jvarjaw minn għoli ta' xi filata u nofs għal dawk bil-wisq akbar li nsibu fil-portiku tal-knisja. Bl-eċċezzjoni taż-żewġ niċeċ f'għamla rettangolari li nsibu fil-ġnub tal-portiku tal-Appostli San Xmun u San Ġuda Taddew, u niċċa f'għamla ovali xogħol riċentement fi Triq Gafà,

in-niċeċ l-oħra kollha huma f'forma ta' apside, ċioè mdaħħla fil-ħajt b'reċess nofs tond u msaqqfa f'għamla ta' nofs koppla (bħal kappelluni li nsibu fil-knisja). Il-proporzjon tal-wisa' tan-niċċa (b'riferenza għall-apside, il-vojt tan-niċċa) mal-għoli sad-dwella tal-ħnejja normalment ikun ta' 1:2 u meta jagħmluh ċirka 1:2½ x'aktarx issib l-istatwa fuq speċi ta' pedistall żgħir biex tiġi tidher xi ftit aktar imponenti.

Il-proporzjon tal-istatwa mat-tali niċċa normalment kienu jieħduha li l-parti ta' bejn l-ispallejn u l-għonq tal-istatwa riedu jiġu livell mal-impostatura tal-ħnejja (minn fejn tibda l-ħnejja). Xi drabi n-niċċa kien ikollha sempliċi burdura mad-dawra tagħha, f'xi każi rari ma kien ikollha xejn, u l-aktar popolari kien l-estrem l-ieħor fejn donnu kienu jħallu l-kreattività tiġri bihom u jaraw x'idaħħlu man-niċċa biex tiġi tidher differenti, isbaħ, u aktar imponenti minn ta' ħaddieħor. Hekk insibu każi fejn il-ħoġor tan-niċċa (il-parti ta' taħt tan-niċċa) kienu jagħmlulha gwarniċun għaliha, fejn trid titpoġġa l-istatwa jagħmluha aktar sporġuta 'l barra f'forma ta' mensola, mal-ġnub tan-niċċa jtellgħu xi pilastri jew kolonni mżejnin b'kapitelli (il-gwarniċ fil-parti ta' fuq tal-kolonna) jew skanaliti (speċi ta' kanali mħaffra f'wiċċ il-kolonna minn fuq s'isfel bħal kolonni tal-kappelluni fuq ġewwa tal-knisja), fuq in-niċċa jispiċċawh b'entablatura (bħal gwarniċun għalih, f'xi każi ffurmat minn żewġ faxex ta' gwarniċuni – ħu bħala eżempju l-portiku tal-knisja fejn fuq il-kolonni għalhekk il-faxx ta' gwarniċun jgħidulu l-arkitrav u fuqu għaddej il-friż bl-iskrizzjoni), u fuq l-entablatura jagħmlu bħal pediment/fruntun f'għamla trijangolari, f'għamla ta' ark, jew f'forma ta' 'S', b'xi riljiev ta' salib fil-quċċata, jew fil-każ meta l-pediment jagħmluh mhux kontinwu fin-nofs, jinkorporaw dan ir-riljiev fil-vojt tal-pediment bħalma kien il-każ tal-Madonna tal-Bon Kunsill li semmejna fl-ewwel parti tal-artiklu.

F'kelma waħda f'niċċa għandek imnejn issib ftit minn kollox: xi mensola, pedestalll żgħir, riljievi, stili ta' arkitettura klassika (bħal tar-Rumani/Griegi) jew taż-żminijiet ta' wara (bħal Gotiku/Barokk), is-saqaf tan-niċċa skolpit f'forma ta' arzella, u f'xi każi xi lavur mal-lapida tan-niċċa ma jonqosx flok jagħmluha sempliċiment għad-dritt rettangolari. Kollox ried isir fi proporzjon u armonija ma' xulxin, fosthom kif diġà rajna l-apside tan-niċċa tkun tant wiesa' ma' tant għoli, il-gwarniċuni tant għoljin u l-istess il-kolonni/pilastri twal minn ċirka 7 sa 10 darbiet il-wisa' tagħhom skont l-istil, u jikkorrispondu ma' ċirka l-għoli tal-gwarniċuni li jkun hemm fuq u taħt in-niċċa. Fl-istess ħin riedu joqogħdu attenti li ma jagħmlux xi salib fil-quċċata jew pediment kbir iżżejjed biex l-enfażi tibqa' fuq il-parti fejn hemm in-niċċa propja, bl-istatwa tkun iċ-ċentru tal-attenzjoni. L-artist ma riedx sempliċiment ikun kapaċi jħożż in-niċċa fuq il-karta imma ried ukoll ikun prattiku f'xogħlu bħal jieħu inkonsiderazzjoni l-fili biex il-lavur ma jiġilux f'nofs ta' fil u li n-niċċa fil-parti kbira tagħha tkun tista' tinħadem minn knaten t'għoli normali daqs ta' filata biex jevita ġonot, kumplikazzjonijiet u fuq kollox spejjeż bla bżonn meta jiġi biex iqabbad mal-kumplament tal-faċċata tad-dar. Hi verament ħasra li wara tant ħsibijiet u taħbil il-moħħ biex tkun tfasslet u ġiet implimentata niċċa, u addirittura wara li rnexxielhom isalvaw mill-qilla tal-gwerra u tax-xemx u tat-temp, naraw illum uħud minnhom bil-wajers tad-dawl għaddejjin minn quddiemhom jew traskurati u abbandunati għall-elementi, bil-mentalità li meta taqa' tkun waqgħet u suq għax sebaħ.

## Statwi f'niċeċ f'kantuniera

Fost in-niċeċ xi ftit aktar kumplessi minn oħrajn insibu dawk li qegħdin f'xi kantuniera fejn l-artist kien jipprova joħloq xi ħaġa li tikkumplimenta ż-żewġ




*Termini fl-arkitettura li użajt biex niddeskrivi n-niċeċ. Għandek il-ħoġor tan-niċċa (a), il-pilastri fuq kull ġenb tan-niċċa ffurmati mill-bażi tiegħu (b), il-pilastru nnifsu (c), u l-kapitell tal-pilastru (d), fuqhom insibu l-entablatura ffurmata f'dan il-każ mill-arkitrav (e), mill-frież (f), u gwarniċun bid-denti (g), u fuq kollox għaddej il-fruntun jew pediment (h), f'dan il-każ f'forma ta' 'S' u mhux kontinwu fin-nofs, b'riljiev ta' salib fuq pedestall żgħir fil-vojt tiegħu. Il-parti ta' taħt tal-ħnejja tan-niċċa jgħidulja d-dwella (i), u minn fejn tibda l-ħnejja, l-impostatura (j) li bħal f'dan il-każ x'aktarx insibuha fuq faxx lavur li jdur id-dawramejt tal-apside. Kontro-pilastru hu pilastru li jkun ftit 'il ġewwa mill-pilastru propju, f'dan il-każ naraw wieħed fuq kull ġenb. Meta l-pilastri jkollhom bħal kanali skolpiti għal tulhom jgħidulhom skanaliti (mit-Taljan 'scanalatura'). L-apside tan-niċċa (il-parti mdaħħla jew reċessata nofs tond fil-ħajt u fuq imsaqqfa f'forma emisferika) f'dan il-każ hi ta' proporzjon wiesa' mal-għoli ta' 1:2 u għandha saqaf arzellat (skolpit f'forma ta' arzella). In-niċċa murija hi dik tad-Duluri ta' Triq il-Bażilika Nru. 56 (li ġiet restawrata fl-2020, hawn tidher qabel ir-restawr), bid-Duluri minjatura fil-ġebel tad-Duluri tal-injam li llum insibu fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù li ħadem l-iskultur Mosti Salvatore Dimech is-Sartx.*

faċċati. Naħseb l-aktar waħda 'bombastika' li nsibu fil-Mosta hi propju dik tal-Qalb ta' Ġesù ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, kantuniera ma' Triq Gafà. Fuq speċi ta' mensoli fil-ġnub tan-niċċa naraw tilgħin kolonni li jaslu sal-impostatura tal-ħnejja tan-niċċa, u erġa' fuqhom saff ieħor ta' kolonni irqaq u doppji li jaslu sal-lavur fil-quċċata tal-istess ħnejja. Fuq kollox hemm gwarniċun iffurmat minn speċi ta' tliet soqfa trijangolari f'għamla Gotika, b'kull wieħed għandu l-għoli ċirka daqs il-wisa' tiegħu, bi speċi ta' rużuni tondi skolpiti fil-vojt bejn in-niċċa u s-saqaf tan-nofs li jaħbat fuqha, u b'riljiev ta' salib fil-quċċata. In-niċċa nfisha għandha erġa' kolonni irqaq fil-ġnub tagħha bħal qed iżommu s-saqaf arzellat tagħha, u peress li hi mit-tawwalin, l-istatwa narawha fuq pedestalll żgħir. Taħt in-niċċa hemm lapida bil-burdura għal xi talba li baqgħet qatt ma saret u erġa' taħtha post għall-irħama għat-tond li wkoll qatt ma saret forsi għal xi digriet tal-indulġenzi.



*In-niċeċ tal-Qalb ta' Ġesù u ta' San Ġużepp li nsibu oppost ta' xulxin fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, kantuniera ma' Triq Gafà. It-tnejn tal-lemin juru niċċa li nsibu f'kantuniera Triq it-Torri ma' Triq Tonna (wieħed meħud f'Mejju 2019 juri lill-Madonna biċ-Ċintura u l-ieħor meħud xahar wara juri l-Madonna bil-Labtu), maħduma b'ħafna xebh ma' dik taċ-Ċintura ta' Triq il-Kurat Bezzina, u taf ħargu mill-istess id, forsi xi xogħol ieħor tal-Mosti Salvatore Dimech. Dawn in-niċeċ ta' San Ġużepp u Tal-Karmnu huma l-uniċi tnejn fil-Mosta b'kolonni skanaliti.*

Mhix wisq anqas minna fil-pompa hi n-niċċa ta' San Ġużepp li nsibu fil-kantuniera opposta, ukoll b'kolonna fuq kull ġenb, din id-darba skanaliti, tilgħin minn fuq mensoli sal-għoli tal-apside tan-niċċa, u fuqhom din id-darba hemm l-entablatura, dak il-faxx f'dan il-każ qisu għoli ta' filata u li fil-parti li tiġi fuq l-istatwa għandu bħal tużell għat-tond. Fuqu jiġi gwarniċun bid-denti (appuntu għax qishom snien, bħal kaxxi żgħar skolpiti fejn xulxin) u jagħlaq kollox pediment mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu pedestalll żgħir għas-salib li hemm minqux fil-quċċata. Din l-istatwa li għandha differenti mill-Ġużeppini l-oħrajn hi li l-Bambin hu xagħaru lixx (flok nokkli, taf meta rasu li kienet nieqsa saret mill-ġdid meta restawrawha fl-2004) u f'idu qed iżomm xi ħaġa qisu xi ktieb. Dan San Ġużepp hu l-eqdem wieħed li fadal fil-Mosta minn dawk li għandhom 100 jum indulġenza (datata 27 ta' Lulju, 1908) għax sa qabel l-1904 kienu jagħtu 40 jum minflok. Sa xi snin ilu dawn iż-żewġ niċeċ kellhom diversi ħsarat fosthom partijiet mill-ornamenti u l-lavur neqsin, il-Bambin kellu rasu nieqsa u San Ġużepp kien bla bastun, taf ħsarat minn xi splinters fi żmien il-gwerra, iżda lejn Awwissu 2004 kienu ġew restawrati u inawgurati mill-ġdid mill-Kunsill Lokali.[1] Fil-gwerra tiġi li mirakolożament ħelsuha bi żbrixx fosthom meta fil-21 ta' Marzu, 1942, kienet saret waħda mill-akbar traġedji b'xi bombi jispiċċaw fil-bokka tax-xelter ta' Triq Gafà ftit passi 'l bogħod.

Varjazzjoni oħra hi n-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu (jew taċ-Ċintura) li nsibu fi Triq it-Torri, kantuniera ma' Triq Tonna, ukoll b'kolonni fuq kull ġenb, skanaliti, u mpoġġija fuq mensoli b'ħafna lavur, u fuq il-kolonni bħal mensoli oħra li jwasslu għall-pediment li fin-nofs tiegħu hemm skolpita stilla. Mhux anqas ta' għajb hu l-lavur mal-pedestall żgħir li hemm fuq il-pediment li jwassal għas-salib li din id-darba flok sempliċi riljiev hu maqtugħ għal kollox minn mal-ħajt, bil-lavur tiegħu forsi ma jistax jiġi apprezzat tajjeb bil-wajers tad-dawl. Din l-istatwa f'ritratt meħud f'Ġunju 2019, kienet bil-Madonna qed iżżomm labtu doppju u bil-Bambin iżomm labtu ieħor doppju imma ftit iżgħar, li tiġi Madonna tal-Karmnu kif suppost, waqt li f'ritratt meħud xahar qabel f'Mejju 2019, kienet bil-Madonna biċ-ċintura u bil-Bambin bl-imsemmi labtu doppju. Għandha lapida tal-indulġenza fejn l-iskultur donnu ma kienx baqagħlu spazju biżżejjed biex idaħħal kollox u spiċċa kellu jħalli barra d-data ta' meta ngħata d-digriet tal-istess indulġenza, iżda jekk inqabbluha ma' tal-Madonna tal-Karmnu ta' Triq Dun Mikiel Xerri li l-kliem hu kważi kelma b'kelma bħalha forsi hi tal-istess żmien, ċioè lejn l-1901, żgur ta' qabel l-1904 għax b'40 jum indulġenza. Għoddhom simili eżatt għal din in-niċċa bl-istilla fin-nofs b'kollox b'xi varjazzjonijiet żgħar iltqajt ma' tlieta f'Birkirkara: waħda fi Triq il-Wied, kantuniera ma' Triq il-Karmnu, tal-Madonna ta' Lourdes, u t-tnejn l-oħra fi Triq Fleur de Lys, waħda ta' Sant'Antnin kantuniera ma' Triq Sant' Antnin, u l-oħra naħseb tal-Madonna tal-Karmnu qiegħda kantuniera ma' Triq Brighella.

F'kantuniera wkoll insibu l-Assunta ta' Triq il-Bażilika, kantuniera ma' Sqaq l-Oratorju, li din id-darba n-niċċa arzellata ma nsibulix kolonni għat-tond fuq kull ġenb imma sempliċi pilastri li jwasslu għall-faxx tal-entablatura magħmul mill-gwarniċun imsejjaħ arkitrav, li jiġi fuq il-kapitelli tal-kolonni u fuqu dak imsejjaħ il-frież li hi lixxa bla skrizzjoni, u erġa' fuqhom gwarniċun bid-denti għal taħt il-pediment li din id-darba nsibuh f'forma ta' 'S' u mhux kontinwu fin-nofs fejn hemm minqux riljiev ta' salib fuq pedestall żgħir. Jidher li fl-antik kellha fanal u fil-frież hemm bħal imsiemer li taf magħhom kienu jdendlu xi tiżjin għall-festa.

Simili ta' din in-niċċa imma mingħajr pediment fil-quċċata hi dik ta' Kristu Salvatur ta' Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq il-Ġnejna, bil-pedestall żgħir bis-salib jiġi dirett fuq l-entablatura. Ġiet restawrata lejn



*In-niċeċ tal-Assunta u ta' Kristu Salvatur li nsibu fi Triq il-Bażilika, kantuniera ma' Sqaq l-Oratorju, u fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq il-Ġnejna rispettivament (qabel ir-restawr meta kien għad fadallu parti mill-ħadida tal-fanal). It-tielet hi tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq l-Isperanza b'xebh mal-vara tar-Rużarju, u fuq il-lemin San Ġużepp ta' Triq Sant' Anton Abbati, kantuniera ma' Sqaq Nru. 2, fejn il-Bambin qed iżomm globu bis-salib f'idejh (qabel ir-restawr biż-żewġ qsari taċ-ċaqquf li kienu jżejnuh).*

Ġunju 2019. Għandha lapida tal-indulġenzi bil-burdura skulturata li tirreferi għall-istatwa bħala *Redentore*, dak li jsalva mill-iskjavitù fis-sens li Kristu ġie biex isalva l-umanità mid-dnub, bid-data meta ngħatat l-indulġenza seħħlet kienet l-Erbgħa tat-Tniebri l-1 t'April, 1885, jumejn qabel il-Ġimgħa l-Kbira li appuntu dik is-sena ħabtet fit-3 t'April. Kurjuż fuq din id-data hu li peress li d-data meta niċċelebraw l-Għid hu marbut mal-qamar u seħel iċ-ċiklu tal-qamar jirrepeti ċirka kull 19-il sena, 57 sena wara (57=19x3 ≈ 56=28x2 bi 28 hu ċ-ċiklu ta' snin meta tali ġurnata tal-ġimgħa terġa' taħbat l-istess, sakemm ma jinzertax tali millenju – eżempju jekk fl-1942 id-9 t'April ġie l-Ħamis, l-istess ġurnata tas-sena fl-1970, 28 sena wara ġiet il-Ħamis ukoll) ħabtet is-sena 1942, is-sena tal-miraklu tal-bomba fejn fiha l-Ġimgħa l-Kbira appuntu wkoll ġiet fit-3 t'April. Imma li jagħmel din id-data tant u tant speċjali hu li fiż-żewġ dati maħsuba li fihom hu kkalkulat li kien ġie msallab Kristu (fit-30A.D. jew 33A.D.), l-aktar waħda minnhom plawsibbli hi propju dik tal-Ġimgħa 3 t'April, 33 (id-data skont il-*Julian Calendar* li kien jintuża f'dawk iż-żminijiet u hawn Malta baqa' sal-1582 meta taħt il-Kavallieri konna minn tal-ewwel li qlibna għall-kalendarju modifikat, dak Gregorjan ta' żmienna) fejn f'dik il-ġurnata tant speċjali għalina l-insara u għad-destin tad-dinja, apparti li kien qamar kwinta, hu kkalkulat li mal-lejl kien seħħ *partial lunar eclipse*[2] (il-qamar kwinta kien tgħatta parzjalment għal xi ħin bid-dell tad-dinja, qisu Alla bil-bjuda ta' qamar kwinta jiddi ried jirrappreżenta s-safa ta' Kristu Ibnu jinqatel jitgħatta għal ftit ħin mis-swidija tad-dinja l-ħażen tal-bniedem sakemm jerġa' joħroġ trijonfanti jiddi l-kumplament tal-lejl, jerġa' jirxoxta tlett ijiem wara).

Kurjuż ukoll fuq dan Kristu Salvatur *Redentore* (Redentur) fil-kantuniera hu li fil-Ġimgħa l-Kbira bħal ikun qed jara l-purċissjoni mill-għoli tielgħa sserrep it-telgħa ta' Triq il-Kbira (qabbilha mat-telgħa tal-Kalvarju) u propju tikser xellug iddur minn taħtu għal Triq il-Ġnejna, u fl-1885 il-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta tiġi li kienet għalqet propju 19-il sena (bin-numru 19 semmejnih qabel) fejn f'dawn il-ftit snin diġà konna armajna bi tmien statwi għalkemm maż-żmien sitta minnhom (ħlief l-Ort u l-Marbut) inbidlu għal li għandna llum u żdiedet magħhom ta' Ġuda fl-1963.[3] Nemmen li l-unika niċċa oħra ta' Kristu Salvatur li nsibu fil-Mosta fi Triq it-Torri kważi kantuniera ma' Triq Grognet li minn taħtha tkompli sserrep l-istess purċissjoni saret bi skop simili u b'rabta ma' din l-istess purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Dan seħel għandu indulġenza ferm eqdem datata 18 ta' Diċembru, 1865, kważi sitt snin mit-tlestija tar-Rotunda, 100 jum u wieħed mill-Vitorja, eżatt ġimgħa 'l bogħod mill-Milied li kien ġie t-Tnejn ta' wara, u eżatt 100 jum bogħod mill-Erbgħa tat-Tniebri (semmejnieh qabel b'rabta man-niċċa l-oħra ta' Kristu Salvatur) differenti mill-oħrajn għax fil-knisja min jaf x'entużjażmu kien hemm waqt li kienu qed iżanżnu l-vari tal-Ort u l-Marbut, b'jumejn wara kellha toħroġ dik l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta fit-30 ta' Marzu, 1866, fi żmien il-Kappillan Dun Anton Mallia, b'dawn iż-żewġ statwi b'kollox, li min jaf kemm kienu ilhom ħerqanin għaliha jaraw rħula oħra fil-qrib ilhom żmien li ramaw biha u huma mħabbtin m'hemmx Ħdud u festi kif se jaqbdu jlestu dik l-opra kbira tal-knisja li daħlu għaliha u jibdew jlibbsuha ftit ftit jekk hux żebgħa, paviment, pittura, skultura, attrezzi, u bil-miljun oġġett ieħor li jirrikjedi tempju bħal dak, dak il-kobor, dak il-ġmiel, għadu ġebel u saqaf. Fortunatament dawn l-ewwel żewġ statwi l-Ort u l-Marbut għadhom magħna bla mittiefsa, u din is-sena (2024) tiġi li għalihom kienet il-154 darba li ħarġu jserrpu wara xulxin (jekk nieħdu li fil-gwerra fis-snin 1940-43 il-purċissjoni ma ħarġitx u darba ċediet l-Italja fit-8 ta' Settembru, 1943, f'dik tal-1944 ħarġu biss l-aħħar tliet vari, ċioè l-Vara l-Kbira, il-Monument u d-Duluri[4] u għall-mument ninsew meta l-purċissjoni taf sfrattat minħabba x-xita u li mill-1963 'l hawn l-istatwa ta' Ġuda daħlet bejniethom).

Ftit aktar 'l isfel fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq l-Isperanza fil-parti fejn kienu jsibuha bħala "tal-erba'



*Il-Madonna tal-Karmnu ta' Triq il-Bażilika, f'kantuniera ta' dar Nru. 181 (qabel ġiet restawrata fl-2020), Sant' Antnin ta' Padova fil-kantuniera tal-mitħna l-ġdida, l-Assunta ma' Ġnien il-Kmand b'tant dettall sabiħ fil-libsa, u Kunċizzjoni f'kantuniera Triq l-Isperanza ma' Triq il-Mitħna.*

ħwienet" insibu Madonna tal-Karmnu oħra f'niċċa simili għal dik ta' Kristu Salvatur, imma din id-darba tieħu l-kurvatura tal-kantuniera, ukoll bla pediment, u sfortunatament is-salib fil-quċċata hu maqsum minn nofsu u jidher li l-parti ta' fuq tiegħu ma waqgħetx għal isfel għax qisu qiegħda mwaħħla mal-ħajt b'musmar. Ukoll għandha lapida b'burdura skulturata li donnu oriġinarjament kellha l-kliem tal-indulġenzi minqux imma maż-żmien iddeċidew li jiktbu biż-żebgħa sewda xi forma ta' talba oħra minflok. Maż-żmien din iż-żebgħa fil-maġġor parti tagħha tqaxxret u reġa' beda jidher l-kliem oriġinali li kien hemm minqux, ċioè li l-Isqof Mons. Carmelo Scicluna fl-1884 ta 40 jum indulġenza lil min jgħid 'Sliema' quddiemha. F'din l-istatwa, bħall-Madonna tal-Karmnu ta' Triq Torri kantuniera ma' Triq Tonna, insibu wkoll li kemm il-Madonna kif ukoll il-Bambin f'idejha, it-tnejn qiegħdin iżommu labtu doppju kull wieħed, b'kollox 4 labtijiet, u li din id-darba huma skolpiti fil-ġebla flok magħmulin apparti tal-metal. Donnu maħduma fuq il-vara tar-Rużarju tal-injam li nsibu fir-Rotunda imma adattawha bil-labtijiet flok bil-kuruna tar-Rużarju biex tiġi tal-Karmnu.

Niċċa oħra f'kantuniera hi dik ta' San Ġużepp li nsibu fi Triq Sant' Anton Abbati, kantuniera ma' Sqaq Nru. 2, li hu l-uniku San Ġużepp fil-Mosta li għandu l-Bambin *Salvator Mundi* qed iżomm il-globu. Ġie restawrat mill-Kunsill Lokali lejn l-aħħar tas-sena 2019 bidu Jannar 2020.

Fi Triq il-Bażilika Nru. 181, f'dar antika li nbniet ftit sporġuta 'l barra fit-triq, xhieda tal-kontur tal-ħajt tal-għalqa kif seta' kien qabel inbniet l-istess dar, insibu Madonna tal-Karmnu oħra fil-kantuniera tagħha, fejn fit-tieni sular tad-dar iż-żewġ faċċati intenzjonalment ma jiltaqgħux kartabun biex jakkomodaw spazju kbir biżżejjed maħsub għal din in-niċċa u b'hekk setgħu jagħmlu in-niċċa fuq ħajt lixx u jevitaw il-kumplikazzjoni kieku minflok ġiet fil-ponta propja tal-kantuniera. Għandha faxx dedikat għal-entablatura b'salib fuqu u m'għandiex pediment. Il-Madonna u l-Bambin f'idejha qed iżommu labtu tal-metal kull wieħed. Ma jidhirx li xi darba kellha fanal bis-soltu ħadida ħiereġ minn taħt in-niċċa imma minflok maż-żewġt iġnub tan-niċċa mal-ħajt hemm bħal ħadida b'ganċ li taf miegħu kienu jdendlu xi qasrija jew xi tiżjin ieħor li llum huma nieqsa. Missieri jiftakarhom jgħidu li f'din id-dar kien joqgħod qassis magħruf bħala 'Ta' Miqiela', forsi korruzzjoni tal-isem Mikiel jew Mikela ta' wieħed li ma kienx jippronunzja l-ittra 'k' tajjeb. Xi ħaġa partikulari li għandha hi l-lapida tal-indulġenzi tagħha li mhix qiegħda bħas-soltu fil-għoli direttament taħt in-niċċa u allura diffiċli biex tinqara mit-triq, imma nsibuha aktar 'l isfel mal-ħajt f'għoli ta' bniedem u allura tinqara mingħajr diffikultà. Ġiet restawrata fl-2020 mill-Kunsill Lokali.

Fil-mitħna 'il-ġdida' li nbniet fi żmien l-Ingliżi lejn l-1858 nsibu kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza għal darba oħra, li l-kantuniera fejn hemm in-niċċa apposta m'għamluhiex kartabun biex setgħu jagħmlu n-niċċa fuq ħajt lixx, għalkemm il-ħoġor tan-niċċa għandu gwarniċun ġej għat-tond idur mal-kantuniera. Li għandha differenti hi l-entablatura li tikkonsisti minn frież, gwarniċun, frież ieħor, u gwarniċun ieħor ftit aktar sporġut u għola minn ta' taħtu u bit-truf tiegħu jestendu ftit aktar mill-wisa' propja tan-niċċa. Fuq kollox hemm salib li partijiet minnu ttieklu maż-żmien, u wkoll m'għandiex pediment. Hi niċċa ta' Sant'Antnin ta' Padova li bħas-soltu jidher qed iżomm l-Evanġelju, il-Bambin, u l-fjura tal-ġilju. Peress li min bena din il-mitħna kien ċertu Antonio Grech,[5] tiġi li kien waqqaf din in-niċċa fiha ad unur il-qaddis li jġib ismu.

Jekk għidna li niċeċ f'kantuniera kienu joħolqu ftit aktar komplikazzjonijiet u għalhekk ġieli l-kantunieri intenzjonalment ma kienux ilaqqgħuhom kartabun biex ikunu jistgħu jagħmlu n-niċċa fuq ħajt lixx u fl-istess ħin xorta tkun tista' titgawda miż-żewġ toroq ta' mal-kantuniera, in-niċċa tal-Assunta ta' Triq il-Kbira Nru. 15 fil-kantuniera ta' Ġnien il-Kmand, evitat dan kollu għax bħal donnu qatgħu kollox għad-dritt, għamlu burdura lixxa għall-aħħar mad-dawra tan-niċċa, bil-ħoġor għamluh ġej għat-tond idur mal-kantuniera waqt li l-quċċata tal-ħnejja ssegwi ż-żewġ ħitan tal-kantuniera fejn qiegħda li jiltaqgħu kartabun. Fuq insibu pedestall żgħir bis-salib li bħal ħaffrulu apside (niċċa żgħira) għalih, u li taf maż-żmien inqala' t-tikħil u wara s-salib tara l-fili u l-vojt tal-ħajt tal-imramma. Taħt in-niċċa hemm lapida sempliċi imma oriġinali fl-għamla li baqgħet vojta u ma jidhirx li qatt xi darba kellha fanal iżda minflok illum għandha bħal bozza żgħira mill-moderni. Il-burdura tan-niċċa hi miżbugħa lewn ċelest u l-vojt tal-apside abjad, waqt li l-libsa tal-istatwa hi wkoll miżbugħa mill-istess żewġ kuluri u għal xagħar l-istatwa użaw l-iswed li forsi seta' nżebgħah naqra aħjar. Din in-niċċa u l-Asssunta tagħha jekk nieħdu li saret meta nbena l-ġnien ftit wara l-wasla tal-Ingliżi f'Malta, tiġi li għadha 'l fuq minn mitejn sena.

Niċċa oħra sempliċi li nsibu f'kantuniera Triq l-Isperanza ma' Triq il-Mitħna, hi dik li fiha statwa żgħira imma sabiħa ta' żewġ filati kollox tal-Immakulata Kunċizzjoni li taf saru riċentement u għamlulha wkoll fanal żgħir.

### Statwi f'niċeċ oħra

Ladarba dorna n-niċeċ f'kantuniera, induru għal dawk li qiegħdin f'faċċata ta' dar u nibdew minn dawk fi Triq Britannja Nri 6 u 15, kważi faċċata ta' xulxin, fejn insibu statwi ta' San Pawl u tal-Immakulata Kunċizzjoni f'niċeċ simili ta' xulxin b'xi differenzi fl-entablatura, bl-istess tip ta' salib fil-quċċata u l-istess tip ta' lapida. In-niċċa ta' San Pawl hi filata għola u

miżbugħa fl-abjad waqt li tal-Kunċizzjoni hi arzellata u għadha fuq il-ġebla. It-tnejn għandhom indulġenzi ta' 40 jum datati l-istess ġurnata tal-11 ta' Novembru, 1861, qisu ftit aktar minn sena u nofs mindu lestew il-knisja u wkoll festa ta' San Martin b'dari għat-tfal kienet tfisser borża tad-drapp mimlija lewż, ġewż, ġellewż, u qastan. Skont Dun Salv Magro, fid-dar fejn hemm San Pawl kien joqgħod qassis (taf ċertu Dun Pawl Chetcuti, li mniżżel f'din it-Triq f'reġistri elettorali tal-1870, fil-każ waqqaf dan San Pawl ad unur il-qaddis li jġib ismu), li kien l-aħħar prokuratur tal-knisja qadima ta' Tumas Dingli (fl-aħħar viżta pastorali fil-knisja l-qadima fit-28 ta' Jannar, 1859, mill-Isqof Fra Gejtanu Pace Forno, sena u xahar qabel waqqgħuha, iżda msemmi bħala li kien għadu sempliċi *Clericus* u mhux qassis, *Reverendus Dominus Don …*) u kien salva li seta' minn din il-knisja huma u jħottuha, fosthom xi knaten bil-lavur, puttini u xi statwa ta' San Pietru li kellha, u dan San Pawl jissuspetta li wkoll kien wirt ta' din il-knisja l-qadima.[6]



*It-tnejn fuq ix-xellug, San Pawl u l-Kunċizzjoni fl-istess Triq Brittannja bin-niċeċ u l-lapida b'ħafna similaritajiet bejniethom anki fid-data tal-indulġenza, insibhom bħala "n-niċeċ it-tewmin, id-di u d-do tal-Mosta". Il-Kunċizzjoni u n-niċċa tagħha kienu ġew restawrati lejn l-2014 minn ċertu Melvin Gauci. L-anġlu qed iżomm kuruna li żdied fil-parti ta' taħt jinsab fid-dar fejn hemm San Pawl, u jingħad li hu wirt mill-knisja l-qadima. Fin-nofs, żewġ niċeċ tal-Kunċizzjoni fi Triq Santa Margerita u Triq Carmelo Dimech, b'dik tal-lavur fil-ġenb tagħha, taf hu xi wirt ieħor tal-knisja l-qadima, forsi kienet tifforma parti mill-prospettiva tal-kappellun ta' Sant' Antnin ta' Padova. Hu bħala eżempju fuq il-lemin il-kappellun tad-Duluri li nsibu fil-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi: fejn ikollok inkwatru imma jisħel ikun ftit żgħir għall-prospettiva li trid timla.*

Statwa oħra tal-Immakulata Kunċizzjoni nsibuha fi Triq Carmelo Dimech Nru. 2, f'niċċa arzellata b'kolonni fil-ġnub b'kapitelli stil korint, entablatura magħmula minn żewġ gwarniċuni, m'għandiex pediment iżda għan-nuqqas ta' dan jagħmel tajjeb il-pedestall tas-salib li għandu ħafna lavur b'riljiev ta' ras ta' anġlu bil-ġwienaħ u n-*nome di Maria* fuqu, u s-salib fuqu qiegħed ġo forma ta' apside mħaffra fil-ħajt. Fil-ġnub tan-niċċa nsibu erġa' aktar lavur bil-gwarniċun fil-ħoġor tan-niċċa jestendi sa taħt dan il-lavur ukoll. Peress li mill-kwadri titulari li writna mill-knisja l-qadima, dak li kien tal-kappellun ta' Sant' Antnin ta' Padova hu ferm iżgħar komparat mal-oħrajn, nissuspetta li dan il-lavur fil-ġnub ta' din in-niċċa taf kien oriġinarjament ma' dan l-inkwatru jifforma parti mill-prospettiva tiegħu fil-qadima, bħalma nsibu f'kappelluni fi knejjes oħra bħal ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi meta kien jisħel ikollhom inkwatru simili żgħir fid-daqs.

Kunċizzjoni oħra nsibuha fi Triq Santa Margerita Nru. 70, f'niċċa żgħira arzellata. Fil-quċċata nsibu s-soltu salib waqt li taħt it-tul kollu tal-ħoġor tan-niċċa hemm lapida b'lavur sempliċi li baqgħet vojta. Il-ħadida tal-fanal għandha nieqes il-fanal innifsu waqt li l-istatwa għandha id minnhom imtajra.

Niċċa mill-isbaħ u oriġinali għall-aħħar hi dik tal-Kunċizzjoni li nsibuha fi Triq Sant' Anna Nru. 1 mal-binja tal-ħanut ir-ristorant Lord Nelson b'pilastri doppji u kartabun fuq kull naħa u fuqhom żewġ anġli kompluti u flok salib fin-nofs insibu kuruna minn dawk tal-irġejjen li bħal donnu qed iżommu dawn l-istess anġli li semmejna. L-istatwa nfisha tal-Kunċizzjoni u l-parti ta' fuq bl-anġli fihom tant lavur sabiħ u dettaljat naħseb stil Barokk komparat mal-pilastri pjuttost lixxi tan-niċċa, li taf setgħu rriċiklawhom ukoll mill-knisja l-qadima u anki l-fatt kif din in-niċċa qiegħda fil-ħajt tal-ġenb qisha mdeffsa bejn tieqa u l-faċċata flok għamlu l-imsemmija tieqa u niċċa spazjati simetrikament fuq dan il-ħajt, ikompli jqanqanli suspett li n-niċċa ma kinitx parti mill-binja kif inbniet oriġinarjament imma saret, inkorporawha wara, u b'li kellhom f'idhom raw kif ivvintaw niċċa u defsuha fil-ftit għażliet li kellhom (jew naħa jew oħra tat-tieqa). Sfortunatament ix-xitla bil-fjuri li hemm taħt in-niċċa ma tħallikx tara n-niċċa fl-intier tagħha fejn għandek ftit mill-ġenb u mill-ħoġor mil-lapida 'l isfel mgħotti biha u lanqas tista' tgħid jekk qatt xi darba kellhiex fanal.

Aktar 'l fuq, fi Triq Sant' Anton Abbati Nru. 7, f'niċċa mit-tawwalin u sempliċi nsibu fuq pedestall żgħir bin-*nome di Maria* minqux fuqu lill-Madonna ta' Lourdes, bi gwarniċun fil-ħoġor tan-niċċa u ieħor għaddej minn fuq in-niċċa u fuq kollox hemm skolpit bħal lavur bi fjura fin-nofs li taf fl-antik anki kellu salib fuqu. Il-Madonna kienet dehret fl-1858 liċ-ċkejkna ta' 14-il sena Bernardette Soubirous f'Lourdes. Ma nafx hemmx konnessjoni bejn din in-niċċa u xi devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes li xerred Dun Pawl Xuereb, maħtur Kappillan tal-Mosta fl-Lulju tal-1887, li għamel il-parroċċa Arċipretali fl-1888 (din nemmen kienet miftehma minn qabel, ċioè *messa 'n scena*: ħalla lill-Isqof Carmelo Scicluna jirrelegah minn Arċipriet tal-Birgu għal Kappillan tal-Mosta bil-patt li l-Mosta ma jdumx ma jgħolliha għal Arċipretali u b'hekk jieħu lura l-kariga li kellu ta' Arċipriet, kif fil-fatt ġara fi żmien sena), ra li tinbena l-lanterna fl-1889, u ħallas għal-lunetti ta' Ġużeppi Calì (saru wara mewtu bi flusu hekk li hemm l-arma tiegħu fuq lunetta minnhom li turi l-Qawmien ta' Kristu), li kien żmien qabel Arċipriet tal-Birgu (1882-1887), u erġa' qabel kappillan tal-Qrendi (1869-1882) fejn xerred id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu fejn anki fl-1878 kien waqqaf fratellanza tagħha, li maż-żmien bdiet tikseb aktar popolarità mit-titular propja ta' Santa Marija li

qajmet xi diżgwid f'dan ir-raħal[7] u wassal biex l-Isqof kien ċaqalqu minn hemm. Wara ftit aktar minn 7 snin fil-Mosta, miet f'qasir l-għomor ta' 50 sena, fit-22 ta' Novembru, 1894, meta marad bl-imxija Asjatika li kienet laqtet id-dinja,[8] 100 jum u wieħed mill-festa ta' Santa Marija, u nsibuh midfun ġirien ma' Grognet fil-kappellun taċ-Ċintura għad-dell tal-Madonna taħt dan it-titlu.

Inkomplu tilgħin aktar 'l fuq, fiz-zuntier tal-kappella ta' Sant' Anton Abbati mal-ħajt f'niċċa maqtugħa xi filati mill-art li nħadmet riċentement ma tistax ma tinnotax is-sengħa tal-lavrant li ħadimha għalkemm kieku saret apsidata nofs tond flok maqtugħa kwadra 'l ġewwa naħseb kienet toħroġ isbaħ. L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu nsibuha bil-Madonna qed iżżomm labtu doppju tal-metal waqt li l-Bambin għandu labtu wieħed skolpit fil-ġebla. Xi darba kienet f'kantuniera ta' mitħna llum dar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku Nru. 190, u jidher li meta l-ewwel Kunsill Lokali (1994-98) daħal biex jirrestawraha, l-istatwa bħal spiċċat rabbiet is-saqajn u minflok lura f'postha spiċċat fejn din il-kappella f'niċċa li saret għaliha mħallsa mis-Sindku ta' dak iż-żmien, Nazzareno Vassallo, skont lapida li hemm viċin u li ssemmi li għamilha b'tifkira t'ommu, li bħal ħafna fl-antik kienu jissemmew għall-Madonna taħt dan it-titlu. Għalkemm fejn kappella ddedikata lil Sant' Anton Abbati forsi taf aktar kien imur xi statwa ta' San Pawl Eremita minflok, jekk xejn tgħinek tirrealizza kif niċċa (jew statwa) li fit-tieni sular tidher żgħira, fil-fatt meta taraha livell tiegħek tkun kbira mhux ħażin.



*Niċċa mill-isbaħ tal-Kunċizzjoni u b'tant mistoqsijiet warajha, fil-bidu ta' Triq Sant' Anna u aktar 'il fuq ta' din it-triq li tagħmel ma' Triq Sant' Anton Abbati nsibu niċċa tal-Madonna ta' Lourdes. Fuq il-lemin żewġ niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu, waħda tinsab fiz-zuntier tal-kappella ta' Sant' Anton Abbati u l-oħra fi Triq Dun Mikiel Xerri li la l-fanal (forsi biex jevita l-fil tal-ħajt) u donnu lanqas il-lapida m'huma eżatt fin-nofs.*

Madonna tal-Karmnu oħra nsibuha fi Triq Dun Mikiel Xerri Nru. 9, f'niċċa arzellata, bl-entablatura fuq, u l-pediment f'forma trijangolari b'riljiev ta' salib fil-quċċata. Il-lapida b'burdura sempliċi kwadra li hemm taħt in-niċċa għandha kliem li hu miktub b'ċerta tipa qisu xogħol ta' dilettant, bl-aħħar linja li fiha d-data tal-indulġenza addirittura miktuba bil-maqgħud, taf kalligrafija ta' xi ħadd ieħor forsi xi ftit illitterat jew kien jaf skola kemm jinqeda li żiedha aktar tard, u għal xi raġuni l-ittra 'u' qiegħda miktuba qisha tnejn 'j' imma jħarsu bil-kontra! Din hi statwa oħra minn tnejn tal-Madonna tal-Karmnu fejn il-labtu doppju hu skolpit fil-ġebel flok magħmul apparti tal-metal.

Il-Madonna tal-Karmnu ta' Triq Callus Nru. 106 insibuha wkoll b'labtu doppju, din id-darba tal-metal, f'idejha u merfugħa fuq pedestall żgħir mill-mensola f'forma ta' skutella li hemm sporġuta mill-faċċata. Qiegħda f'niċċa li għandha entablatura magħmula minn arkitrav u frież lixx u fuqhom pediment bil-kurvatura forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu pedestall żgħir b'salib, it-tnejn lixxi u bla lavur. Jidher li fl-antik taħt in-niċċa kien hemm fanal li kemm hu kif ukoll il-ħadida tiegħu huma nieqsa, għalkemm mal-pedestall tal-istatwa sar wieħed minflok, sempliċi u iżgħar mill-oriġinal li seta' kien hemm, iżda għal dan jikkumpensa b'bozoz dawramejt man-niċċa.

Fi Triq il-Kurat Bezzina Nru. 44, kważi kantuniera ma' Triq l-Isperanza, insibu l-unika statwa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Mosta, qed iżżomm iċ-ċintura f'niċċa b'burdura sempliċi li saret riċentement meta l-binja li qiegħda fuqha nbniet mill-ġdid u li sfortunatament fil-proċess apparti li ntilfet in-niċċa l-antika, intilfet ukoll il-lapida tal-indulġenzi li din l-istatwa kienet ngħatat, għalkemm l-istatwa għandi nifhem li hi l-oriġinali li kien hemm qabel fil-post, u jingħad li hi xogħol l-iskultur Mosti Salvatore Dimech s-Sartx[9] li kellu r-remissa fejn ħadem l-istatwa titulari oriġinali li kellna ta' Santa Marija fl-1868 ftit passi 'l bogħod. Kif semmejt qabel, l-istatwa għandha ħafna xebh mal-Madonna tal-Karmnu kantuniera Triq it-Torri ma' Triq Tonna, u taf oriġinarjament kienet ukoll bħalha fil-kantuniera tal-binja f'niċċa daqstant ieħor sabiħa u imponenti, il-veru ħasra.

Statwa tal-Madonna tar-Rużarju nsibuha f'binja ġdida li telgħet fi Triq il-Kbira Nru. 69, fejn din l-istatwa minuskola ta' filata u nofs kollox, kienet ġiet restawrata x'aktarx meta l-binja nbniet mill-ġdid lejn l-1999. Kienet maħsuba li ntilfet peress li fil-post kien hemm imniżżel li kien hemm Madonna bl-erwieħ meta fil-fatt hi Madonna tar-Rużarju, għax jidher San Duminku fuq ix-xellug u hemm Santa Katerina ta' Siena fuq il-lemin. In-niċċa arzellata tagħha għandha diversi lavur, fosthom il-kolonni fil-ġnub b'kapitelli ta' stil korint, entablatura b'lapida żgħira fin-nofs bin-*nome di Maria*, u pediment ta' għamla trijangolari b'salib fuqu.

Fi Triq il-Kbira Nru. 165, kważi bi dritt Triq il-Ġnejna, insibu statwa sabiħa tal-Assunta partikulari u unika għax għandha sieqha tax-xellug nofsha mikxufa flok mgħottija bil-libsa, bl-iskultur donnu biex jirraffigura l-Assunta tielgħa s-sema, għamilha qisu bir-riħ qed jonfoħ minn taħt hekk li parti mill-mant ukoll qiegħed b'direzzjoni 'l fuq. Għandha żewġ anġli żgħar kompluti f'kull ġenb u qiegħda f'niċċa arzellata bil-faxx tal-entablatura fuq u pediment forma ta' ark li m'għandux salib fuqu, mhux għax hu nieqes imma għax hekk donnu ħażżha l-artist. Fl-antik kellha lapida

sabiħa bil-lavur li llum għadu jidher biss framment minnha u l-ħadida tal-fanal għandha l-istess fanal innifsu nieqes u qiegħda miġbuda lejn il-gallarija u marbuta bil-fildiferru li tagħti dehra xi ftit kerha. Itik x'tifhem li f'ċerti każi bħal din, il-lapidi kienu jsiru apparti u mbagħad jitwaħħlu fil-post, taf meta t-tali statwa jkun ingħatalha d-digriet tal-indulġenza (ħafna aktar komdu tħożż u tonqox il-kliem fuq mejda d-dar milli fil-post b'xi sellum).



*Madonna tal-Karmnu fi Triq Callus, u taċ-Ċintura fi Triq il-Kurat Bezzina. Kollox maħdum fiċ-ċokon f'niċċa żgħira tal-Madonna tar-Rużarju qisu fil-bidu ta' Triq il-Kbira, u aktar 'l isfel, bi dritt Triq il-Ġnejna, insibu Assunta oriġinali għall-aħħar b'sieq minnhom mikxufa, u bħal fil-każ tal-vara titulari ta' Santa Marija fejn iċ-ċinturin qed magħmul dirett taħt is-sider flok taħt iż-żaqq, li jfisser li huma ta' żmien eqdem, forsi ta' qabel l-ewwel gwerra dinjija.*

Aktar 'l isfel fi Triq il-Kbira f'dar li tiġi bi dritt Triq il-Kurat Bezzina, insibu statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni f'niċċa ftit żgħira b'entablatura tikkonsisti minn gwarniċun, frież lixx u gwarniċun naqra akbar fuq, mingħajr pediment, imma bis-salib fuq nett fuq pedestall żgħir. Din it-tip ta' Kunċizzjoni hi tat-tip kummerċjali kopji identiċi ta' xulxin f'daqsijiet differenti li l-unika konnessjoni mal-Kunċizzjoni hi għax maħduma fuq ir-riljiev tal-Madonna f'dik l-imsejħa 'Midalja Mirakoluża' xogħol l-arġentier Adrienne Vachette, skont il-viżjonijiet tal-Madonna li kellha l-Franċiża Santa Katerina Labourè fis-27 ta' Novembru, 1830, fil-5:30pm. F'din il-viżjoni l-Madonna dehret b'kitba madwarha '*O Marie, concue sans péché, priez pour nous qui avons recours à Vous*' li bil-Malti tiġi '*O Marija, imnissla mingħajr ħtija* (…minn hawn taqa' taħt it-titlu tal-Immakulata Kunċizzjoni, għalkemm oriġinarjament kienet imsejħa Madonna tal-Grazzja, bdiet taqla' l-grazzji, u laqqmuha l-'midalja mirakoluża'), *itlob għalina aħna li nirrikorru lejk*'.

L-Assunta ta' Triq il-Kbira Nru. 219, fil-pjazzetta fejn Is-City, f'dik li jingħad xi darba kienet għassa tal-Pulizija, insibuha f'niċċa bejn żewġ gallarijiet, bil-pilastri u kontro pilastri fil-ġnub li fuqhom hemm il-gwarniċun imsejjaħ arkitrav u fuqu l-frież u erġa' fuqhom pediment trijangolari bla salib fuqu. Qisu tagħti lemħa lill-Assunta f'niċċa kantuniera Triq Doni, Triq San Pawl ir-Rabat, imma bil-wisq anqas irfinuta. Hi waħda mill-uniċi tlieta li fadal fil-Mosta li nsibulha l-lapida bil-kliem bil-Latin li llum jinqara xi kelma 'l hemm u 'l hawn għax il-ġebla laħqet tmermret, fejn issemmi li wieħed jakkwista indulġenza ta' 40 jum meta jgħid 'Salve Regina' quddiemha. Fl-antik kellha fanal li llum hu nieqes bil-ħadida b'kollox. Wieħed jinnota f'din l-istatwa miż-żewġ idejn tagħha bħal biċċa fildiferru tonda ħierġa minnhom li taf fl-antik kellha xi ħaġa mdendla minnhom jew forsi kienet iżżomm xi ħaġa bihom bħal forsi xi fjura.

Fuq in-naħa l-oħra tal-Mosta, fi Triq il-Bażilika taqbeż San Ġużepp, f'dar Nru.132, insibu statwa ta' qaddis uniku fil-Mosta, San Anġeliku Martri, f'niċċa arzellata xi ftit sempliċi iżda bi gwarniċ ġej għat-tond fil-parti li taħbat fuq in-niċċa, u fuqu tliet pedestalli żgħar, bit-tnejn tal-ġnub għandhom bħal brazzi u tan-nofs riljiev ta' salib. Dan San Anġeliku, li meta fittixt fuqu sibt li s-soltu jirraffigurawh bi tliet kuruni fejn saqajh li jirrappreżentaw it-tliet doti tiegħu, ċioè l-elokwenza (jaf jitkellem), il-kastità (iżomm 'il bogħod minn affarijiet ta' pjaċir, eċċ.) u l-martirju, f'din l-istatwa jidhru żewġ kuruni fejn qaddu u mhux tlieta, li jew it-tielet waħda intilfet maż-żmien jew forsi hi rappreżentata minn żewġ werqiet, nassumi tal-palm, ħerġin minn dawn iż-żewġ kuruni msemmija li allura bihom taf qed jirrappreżentaw id-dota l-oħra tal-martirju. In-niċċa kienet restawrata mill-Kunsill Lokali lejn l-2011 imma l-istatwa għandha diversi ħsarat, fosthom l-id il-leminija nieqsa għal kollox, taf tort ta' xi splinters tal-gwerra. Skont digriet mill-Isqof Mons. Pietru Pace tal-4 ta' Ġunju (l-annu bejn l-1889 u l-1903 għax il-ġebla ttieklet biż-żmien) ta 40 jum indulġenza lil min jgħid 'Missierna, Sliema u Glorja' quddiemha.



*Fi Triq il-Kbira f'niċċa bi dritt Triq il-Kurat Bezzina nsibu lill-Kunċizzjoni, u aktar 'l isfel fil-pjazza ta' quddiem Is-City insibu niċċa bl-Assunta. San Anġeliku Martri fi Triq il-Bażilika Nru. 132, u aktar 'il fuq insibu l-Assunta f'dar Nru. 171, li qisu tagħti lemħa lil Santa Marija ta' Ħ'Attard fuq il-lemin.*

Inzerta li f'Ħal Qormi wkoll għandhom statwa unika ta' dan il-qaddis fi Triq San Bastjan, magħmula b'wegħda minn antenat ta' waħda magħrufa propju bħala 'Annie l-Mostija' (l-indulġenzi fil-każ tagħhom ngħataw mill-Isqof ta' qabel Carmelo Xicluna f'Mejju tal-1883).[10] Ukoll fiż-Żejtun hemm kappella ta' Sant' Anġlu, naħseb l-unika waħda f'Malta[11] ddedikata lil dan l-istess qaddis Karmelitan.

Fi Triq il-Bażilika Nru.171, kważi kantuniera ma' Triq il-Biċċerin, insibu statwa oħra tal-Assunta, li naraha għandha xi ftit xebh mal-vara tituralі ta' Santa Marija ta'

H'Attard, liema vara kienet inġabet minn Pariġi (mhux minn Marsilja bħal diversi vari oħra tad-ditta Galard et Fils) fl-1874. Qiegħda f'niċċa arzellata b'entablatura li tispiċċa bi gwarniċ xi ftit aktar imponenti minn ta' taħtu u għan-nuqqas ta' pediment hemm bħal pedestalli żgħar għal żewġ brazzi f'kull ġenb u pedestall ieħor ftit akbar fin-nofs għas-salib xi ftit f'għamla differenti mill-oħrajn li rajna s'issa. Il-fanal oriġinali tagħha għadu hemm u mal-pilastri li hemm fil-ġnub tan-niċċa u fuq il-ħnejja tagħha, hemm diversi msiemer li taf magħhom kienu jdendlu xi tiżjin. Il-lapida ssemmi lill-Isqof Mons. Pietru Pace li fis-16 ta' Jannar, 1913, ta 100 jum indulġenza lil min jgħid 'Salve Regina' quddiemha. Xi ħaġa unika li fiha, hi isem l-Isqof imniżżel b'tant pompa bl-ittri wara ismu D.D. (*Doctor Divinitatis* għax kellu Dottorat fit-Teoloġija), u K.C.V.O. (*Knight Commander of the Royal Victorian Order*, titlu li kien ingħata fl-24 t'April, 1909, kumbinazzjoni eżatt erba' snin qabel il-Kungress Ewkaristiku fil-Mosta, flimkien ma' tliet uffiċjali Ingliżi mir-Re Dwardu VII fiż-żjara li kien għamel f'Malta), forsi nefħuh daqshekk għax kien aċċetta l-proposta li l-knisja tal-Mosta tintuża biex fiha jitlaqqa' l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali kif fil-fatt sar ftit aktar minn tliet xhur wara (bejn it-23 u 26 t'April, 1913, bl-ewwel jum fil-Mosta seħel ħabat ġimgħatejn fuq għeluq żmien l-istess Isqof Pace (82 sena), u bl-aħħar jum is-26 t'April seħel ħabat eżatt 100 jum wara d-data ta' dan id-digriet tiegħu tal-indulġenza).

Fl-istess Triq Bażilika, din id-darba ftit 'l isfel minn San Ġużepp, insibu l-unika statwa tad-Duluri fil-Mosta (l-erba' l-oħra li semmejna diġà tad-Duluri fl-ewwel parti kienu riljievi), f'niċċa sabiħa arzellata b'entablatura li tispiċċa fi gwarniċ bid-denti u fuq fruntun forma ta' 'S' mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu riljiev ta' salib fuq pedestall żgħir. In-niċċa ġiet restawrata mill-Kunsill Lokali fl-2020 u miżbugħa kompliet għenet biex toħroġ aktar is-sbuħija tagħha. Għalkemm l-istatwa m'għandiex l-istallett dieħel f'qalbha li nassoċjawh mad-Duluri, il-lapida taħtha bil-kliem *Mater Dolorosa*, jiddistingwiha minn titli ta' Madonni oħra. Jista' jkun li forsi s-sid li xi darba kellha din id-dar kien membru fis-sitt u l-aħħar fratellanza li twaqqfet fil-Mosta fl-1886, dik tad-Duluri, jew forsi kellu xi ħadd fil-familja jew fir-razza bl-isem ta' Dolor, jew taf fuq l-istess nota tal-Ġimgħa l-Kbira li meta tgħaddi minn quddiem din in-niċċa l-purċissjoni tkun qorbot tmiemha, passejn bogħod b'kollox lura fil-knisja, ra li tkun xierqa statwa tad-Duluri bħala l-aħħar vara fi tmiem l-istess purċissjoni f'dak il-jum ta' niket, issegwi mill-għoli u terġa' tgħix il-mumenti tal-passjoni, vara wara vara, ta' li kellu jgħaddi minnha Binha għalina, propju minn hemm fuq fin-niċċa, *Stabat Mater Dolorosa* (Wieqfa kienet imbikkija), minn innu Marjan tas-seklu XIII, ħafna taf familjari ma' kif adattah il-kompozitur Taljan, Giovanni Battista Pergolesi, li fl-istess sena 1736 li kkomponih, Alla kellu jsejjaħlu għal għandu miet f'qasir il-għomor ta' 26 sena bit-tuberkolosi. Kurjuż fuq din id-Duluri hu li taf hi xi xogħol u serviet ta' abbozz għad-Duluri tal-injam li llum insibu fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, li ħadem il-Mosti Salvatore Dimech is-Sartx, lejn l-aħħar ta' ħajtu (miet fis-26 t'Ottubru, 1886, ta' 82 sena u nofs, għalkemm skont ir-reġistru tal-mejtin ta' Ħal Lija mniżżel minflok li miet ta' 81 sena) għall-imsemmija fratellanza tad-Duluri, jew taf xi ħadd ħadem kopja tagħha qabel l-istess fratellanza ħolmu b'Duluri oħra flokha minn Marsilja lejn 1891-1892, ċirka sentejn wara dawk tal-fratellanza ta' San Ġużepp kien ġabu wieħed ta' qaddishom mill-istess ditta Galard et Fils fl-1889 għas-somma ta' 384 skud (€74.55), u fl-istess sena kisbu 40 jum indulġenza għal San Ġużepp tal-ġebel fuq pedestall fi Triq il-Bażilika.



*Xellug, is-San Ġużepp minn Marsilja u fula maqsuma miegħu, San Ġużepp ta' Triq il-Bażilika. Fin-nofs, id-Duluri minn Marsilja wkoll, u fejnha d-Duluri ta' qabilha ta' Salvatore Dimech illum tinsab l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, u tat-tarf lemin abbozz jew kopja tagħha, id-Duluri fin-niċċa ta' Triq il-Bażilika Nru. 56, fiż-żewġ settijiet ma nafux min ġie l-ewwel.*

Fl-1889 kienet ukoll inbniet il-lanterna li jtik x'tifhem li taf kienu snin ta' abbundanza (kellek xogħlijiet tal-Ingliżi fuq il-Victoria Lines bejn 1875-1899, il-fortizza tal-Mosta bejn l-1878 u ċ.1885, il-pont tal-ħadid fl-1896, eċċ. – kollha taf frott iż-żieda fil-kummerċ bil-ftuħ tal-Kanal tas-Swejż fl-1869, li għamel lil Malta punt ċentrali fir-rotta tal-Ingliżi għall-Indja, l-Awstralja, eċċ.). Il-biċċa taħbil il-moħħ ġejja mill-fatt li San Ġużepp minn Marsilja hu kważi identiku mal-imsemmi San Ġużepp tal-ġebel magħdud bħala xogħol l-istess Sartx, li jtik x'tifhem li taf inħadmu mill-istess santa jew pittura, jew taf ħadu ritratt ta' dan it-tieni msemmi San Ġużepp u bagħtuh Franza biex jaħdmulhom wieħed fuqu. Imma allura jekk dak San Ġużepp tas-Sartx kellhom hekk bokka bih li ordnaw vara kopja tiegħu, kif sentejn/tliet snin wara tħajru jibdlu d-Duluri tal-injam li kien ħadmilhom l-istess Sartx għal waħda kompletament differenti mill-istess ditta? Kurjuż jew biċċa kumbinazzjoni, hu l-fatt li din in-niċċa bid-Duluri fi Triq il-Bażilika, flimkien mal-imsemmija qabel żewġ niċeċ ta' Kristu Salvatur fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq Ġnejna, u l-oħra ta' Triq it-Torri, ilkoll fuq ir-rotta tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, jiffurmaw flimkien trijangolu kważi kartabun (*right-angle triangle*), bl-angolu minn din id-Duluri kważi daqs il-latitudni tal-Mosta 35°54'36" (jiġi

l-angolu kemm il-Mosta qiegħda 'l fuq mill-ekwatur).

Biċċa taħbil il-moħħ jew intervent kif jaf jagħmel id-divin, kif iż-żewġ niċeċ ta' Kristu Salvatur u dik tad-Duluri, it-tlieta li huma fir-rotta tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, seħlu flimkien spiċċaw iffurmaw trijangolu partikolari. B'naqra immaġinazzjoni u tidwir fin-numri, nieħdu l-qisien/distanzi tat-trijangolu skont *Google Earth* ċirka 497.24m, 291.15m, 372.54m, li jiġu proporzjon ta' 4:(2.3):3 jew għad-dritt 4:2:3, u jekk issa nieħdu id-disa' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li għandna u npoġġu dik tad-Duluri fejn hemm din l-imsemmija niċċa tad-Duluri, l-oħrajn jikkorrispondu mal-vari tal-*Ecce Homo* (ir-raba' vara, Kristu Salvatur fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Ġnejna), u r-Redentur (is-sitt vara, Kristu Salvatur ta' Triq it-Torri). Kurżità oħra, kieku kellek tiġbed linja dritta min-nofs tal-knisja, l-Assunta fuq pedestall li hemm fil-pjazzetta ta' Triq it-Torri ma' Triq Kurat Calleja taħbat bi dritt il-knisja.



*Biċċa taħbil il-moħħ jew intervent kif jaf jagħmel id-Divin, kif iż-żewġ niċeċ ta' Kristu Salvatur u dik tad-Duluri, it-tlieta li huma fir-rotta tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, seħlu flimkien spiċċaw iffurmaw trijangolu partikolari. B'naqra immaġinazzjoni u tidwir fin-numri, nieħdu l-qisien jew distanzi tat-trijangolu skont Google Earth, ċirka 497.24m, 291.15m, 372.54m, li jiġu proporzjon ta' 4:(2.3):3 jew għad-dritt 4:2:3. Jekk nieħdu d-disa' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li għandna u npoġġu dik tad-Duluri fejn hemm din l-imsemmija niċċa tad-Duluri, l-oħrajn jikkorrispondu mal-vari tal-Ecce Homo (ir-4 vara, Kristu Salvatur fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Ġnejna) u r-Redentur (is-6 vara, Kristu Salvatur ta' Triq it-Torri). Kurżità oħra: kieku kellek tiġbed linja dritta min-nofs tal-knisja, l-Assunta li hemm fil-pjazzetta ta' Triq it-Torri taħbat bi dritt il-knisja.*

L-unika niċċa fi Triq il-Kurat Calleja nsibuha f'dar Nru. 28, li xi darba kienet skola (fil-fatt uħud mill-antiki kienu jirreferu għalih bħala "l-isqaq tal-iskola") bi statwa tal-Assunta f'niċċa li forsi ma nistgħux insejħula arzellata għal kollox għax il-lavur fl-apside tagħha mhux daqshekk irfinut, u li fil-parti ta' fuq għandha bħal fruntun f'għamla ta' 'S' mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu riljiev ta' salib. L-istatwa titulari ta' Santa Marija kif maħduma oriġinarjament minn Salvatore Dimech turi xebh ma' din l-Assunta ta' Triq Kurat Calleja, li ġġiegħlek tistaqsi jekk dan Salvu ħax ispirazzjoni minnha biex ħadimha jew addirittura taf din l-Assunta hi xogħol bikri tiegħu (fl-1838 meta nħarġilha d-digriet tal-indulġenza tiġi li kellu xi 34 sena).

Statwa oħra unika fil-Mosta (u jidher li anki f'Malta) hi dik ta' Santa Barbara fi Triq il-Parroċċa Nru. 20, li nsibuha f'niċċa żgħira arzellata qed iżżomm bħal palma f'idha simbolu tal-martirju u għandha torri żgħir, sinonimu ma' din il-qaddisa fejn jingħad li missierha kien żammha maqfula f'wieħed biex jaqtagħha mid-dinja ta' barra. Fejn sieqha hemm bħal skroll minqux bil-kliem 'S. Barbara,' ma jidhirx li qatt xi darba kellha fanal u fil-ġnub tan-niċċa u mal-pilastri hemm xi msiemer għal xi tiżjin li kienu jagħmlulha. Hi l-patruna ta' dawk li jaħdmu jew għandhom x'jaqsmu mal-militar, hekk li wieħed mis-swar tal-Belt imsemmi għaliha.



*L-Assunta ta' Triq il-Kurat Calleja b'xebh mal-vara ta' Santa Marija kif skolpiha oriġinarjament Salvatore Dimech, Santa Barbara ta' Triq il-Parroċċa, u l-Kunċizzjoni, li flimkien ma' San Ġużepp qiegħdin fuq kull naħa f'faċċata ta' dar fi Triq il-Pont.*

L-Assunta ta' Triq il-Kurat Calleja b'xebh mal-vara ta' Santa Marija kif skolpiha oriġinarjament Salvatore Dimech, Santa Barbara ta' Triq il-Parroċċa, u l-Kunċizzjoni li flimkien ma' San Ġużepp qiegħdin fuq kull naħa f'faċċata ta' dar fi Triq il-Pont.

Fi Triq il-Pont Nru. 27, mal-ħanut 'L-Għonnella' nsibu fuq kull naħa tal-faċċata żewġ niċeċ b'burdura sempliċi b'mensola forma ta' skutella fil-ħoġor tan-niċeċ li fuqhom hemm l-istatwi tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp, li jidhru li saru riċentement.

Darba tkun tlajt ftit mit-telgħa ta' din it-triq f'dar Nru. 96, insibu fuq il-lemin niċċa arzellata bl-unika statwa fil-Mosta ddedikata lil San Injazju, li nsibuh merfugħ fuq pedestall żgħir, u li forsi jgħin biex jingħaraf li hu dan il-qaddis għax insibuh liebes il-pjaneta bħal meta qassis ikun qed iqaddes, kif kien irraffigurah il-pittur Peter Paul Rubens f'pittura ta' ċirka 1620-1622. Din id-dar ukoll taf fil-passat kellha xi konnessjoni mal-Ġizwiti, b'dan San Injazju li jiġi l-patrun u l-fundatur tagħhom kien wera interess f'Malta minħabba xi xebh tal-lingwa tagħna mal-Għarbi biex tinfetaħ skola fejn jiġu mħarrġa missjunarji għal dawk l-artijiet. Aktar 'il fuq fejn it-triq titwessa' nsibu f'dar Nru. 87 niċċa bi ftit lavur bis-soltu salib fil-quċċata u bi statwa tal-Madonna ta' Lourdes li jidher li saret riċentement xi ftit żgħira komparata man-niċċa.



*Niċċa antika bi statwa ta' San Injazju ta' Loyola (1491-1556), il-Patrun tal-Ġiżwiti fi Triq il-Pont Nru. 96, forsi l-iskultur irraffigurah skont santa tal-qaddis liebes il-pjaneta, u Madonna ta' Lourdes aktar 'il fuq fl-istess triq. In-niċċa ta' Kristu Salvatur ta' Triq it-Torri Nru. 108, bin-niċċa ftit simili iżda mhux daqstant l-istatwa li nsibu fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq il-Ġnejna, biż-żewġ statwi b'raġġiera li tolqot l-għajn u taf saru b'konnessjoni mal-Ġimgħa l-Kbira, u l-pittura ta' Leonardo da Vinci 'Salvator Mundi' fejn Kristu hu muri bi globu f'idu x-xellugija (l-isem Ġesù jfisser: Alla hu s-salvazzjoni).*

Naqbżu għal Triq it-Torri Nru. 108, f'dar kważi kantuniera ma' Triq Grognet, insibu l-istatwa l-oħra minn tnejn li hawn fil-Mosta li semmejna ftit qabel, ta' Kristu Salvatur qed iżomm f'idu globu b'salib żgħir. Dan it-tip ta' raffigurazzjoni ta' Kristu oriġinat minn pittura ta' ċirka s-sena 1500 tal-famuż Leonardo da Vinci, magħrufa bħala *Salvator Mundi*, is-Salvatur tad-dinja. L-apside tan-niċċa hu miżbugħ lewn blu waqt li l-faċċata tan-niċċa fl-abjad, għandha l-entablatura magħmula minn żewġ faxex ta' gwarniċuni u ieħor xi ftit aktar imponenti fuqhom, u erġa' fuq hemm is-soltu raffigurazzjoni ta' salib fuq pedestall żgħir, imma ma nsibux pediment. In-niċċa għandha ftit ħsara f'ġenb tal-gwarniċun ta' fuq li hi mtajra iżda għad għandha l-fanal oriġinali tagħha.

Kważi faċċata f'dar Nru. 109, insibu niċċa minuskola ta' xi filata u nofs kollox, bi statwa miżbugħa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hi l-unika waħda magħluqa bi ħġieġa fit-toroq tal-Mosta. Fuq ġewwa tan-niċċa mad-dawra tidher girlanda bi fjuretti u fuq barra għandha burdura sempliċi u l-ħoġor tan-niċċa magħmul gwarniċun naqra differenti.

Induru minn Triq Grognet għal Triq San Ġwann, fejn f'dar Nru. 17 insibu statwa ta' San Ġwann l-Evanġelista f'niċċa li tiġi fuq il-bieb tad-dar, għandha entablatura magħmula minn arkitrav u frież u fuq gwarniċun li jispiċċa f'għamla trijangolari qisu berettin li jilbsu l-kardinali, u taf erġa' fuqu kien hemm xi darba salib għax qisu fadal biċċa mill-parti ta' taħt tiegħu. Taħt in-niċċa hemm lapida b'burdura skulturata li baqgħet vojta u li kollox flimkien (lapida, niċċa, u gwarniċuni fuqhom) tieħu kważi l-għoli kollu tat-tieni sular. San Ġwann hu merfugħ fuq pedestall u fejn siequ għandu ajkla żgħira, waqt li ma jidhirx li n-niċċa qatt xi darba kellha fanal, u għal darba oħra niltaqgħu ma' xitla fil-ġenb li qed tgħatti partijiet minn taħt tan-niċċa fosthom fejn hemm il-lapida. Fil-passat l-istatwa kienet miżbugħa b'kuluri differenti. Bħalma l-ismijiet ta' Triq Sant' Anton Abbati, Triq Santa Margerita, Triq San Silvestru, Triq l-Isperanza, Pjazza San Anard, oriġinaw mill-kappelli li hemm fihom (jew li kienu jwasslu għalihom fl-antik), daqstant ieħor taf għandna każ uniku ta' niċċa taf tant antika li kienet punt ta' riferenza għall-inħawi fil-passat u eventwalment tat isem lit-triq li qiegħda fiha.

Bil-kontra, naħseb biss kumbinazzjoni li seħel hemm statwa ta' San Nikola fuq opramorta ftit 'l isfel, kantuniera Triq San Ġwann ma' Triq Grognet, u l-każ ta' kappella ta' San Nikola li kien hemm fl-inħawi tal-Lwatam (ċioè, Il-Wata) ipprofonata minn Dusina fl-1575, u anki tidher fuq dik ix-xaqliba f'mappa meta l-Mosta inqatgħet parroċċa għaliha fl-1608. Statwa oħra ta' dan l-Evanġelista nsibuha mal-ħajt li jdawwar it-Torri Cumbo fuq binja li tiġi fuq Triq Durumblat li x'aktarx kienet tintuża biex fiha joqogħdu l-għassiesa u s-servi, waqt li s-sinjur u l-familja tiegħu kienu joqogħdu fit-torri propju. Fil-għoli nett naraw l-istatwa tiegħu, xi ħarira żgħira komparata man-niċċa, merfugħa fuq pedestall. In-niċċa għandha ħsara fil-burdura f'partijiet tal-lavur, u l-gwarniċun li xi darba kien hemm fuq in-niċċa għandu aktar minn nofsu mtajjar, waqt li San Ġwann li b'id waħda qed iżomm l-Evanġelju għandu l-oħra nieqsa bħalma hi nieqsa wkoll ras l-ajkla. Taħt in-niċċa hemm skrizzjoni bil-kliem '*Posvervnt me cvstodem MDCCXLV*' (li bil-Malti tiġi '*Poġġewni għassies 1745*') li tixhed il-qedem ta' din l-istatwa, jagħmilha t-tielet l-eqdem statwa li għandna datata fil-Mosta. Ma nafx hemmx konnessjoni ma' dan San Ġwann u ċertu nobbli Giovanni Cumbo li s-sit *maltagenealogy.com* isemmi li miet fil-Mosta fl-1511,[12] forsi hu jew xi dixxendenti minnu taf ukoll bl-istess isem waqqfu statwa ad unuru tal-qaddis li jġib ismu/isimhom.



*L-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista ta' Triq San Ġwann Nru. 17, kif tidher illum u kif kienet miżbugħa snin ilu (ritratt l-antik meħud mill-ktieb 'It-Toroq tal-Mosta' ta' Joseph Borg u John A. Sant, p.6). It-tielet ritratt, San Ġwann ta' mat-Torri Cumbo li flimkien mal-ajkla fejn sieq































 ilu 'jgħasses' l-inħawi għal kważi 300 sena. Fuq il-lemin niċċa żgħira tal-Kunċizzjoni li nsibu fi Triq it-Torri għoli ta' bniedem.*

L-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista ta' Triq San Ġwann Nru. 17, kif tidher illum u kif kienet miżbugħa snin ilu (ritratt l-antik meħud mill-ktieb 'It-Toroq tal-Mosta' ta' Joseph Borg u John A. Sant, p.6). It-tielet ritratt, is-San Ġwann ta' mat-Torri Cumbo li flimkien mal-ajkla fejn sieqi ilu 'jgħasses' l-inħawi għal kważi 300 sena. Fuq il-lemin niċċa żgħira tal-Kunċizzjoni li nsibu fi Triq it-Torri għoli ta' bniedem min jaf meta

konna żgħar fi triqatna pass bogħod mill-iskola kemm tlabniha tiffrankalna xi għajta jew daqqa ta' riga mill-għalliem.

Fi Triq il-Ġilju Nru. 59 (triq fergħa minn Triq il-Pont), insibu niċċa bi statwa ta' San Ġużepp fejn fil-ħoġor tan-niċċa fejn hemm l-istatwa nsibu sporġuta mensola f'forma ta' nofs skutella u fuq in-niċċa għaddej il-gwarniċun li ġej għall-ponta fin-nofs tiegħu, mill-bqija hi niċċa sempliċi mingħajr pilastri jew kolonni fil-ġnub tagħha. Hi kompluta bil-fanal u l-lapida tal-indulġenzi taħtha.

Fi Triq il-Mitħna Nru. 10, insibu statwa tal-Madonna ta' Lourdes ta' proporzjon ftit żgħir komparat man-niċċa mill-aktar sempliċi mingħajr lanqas burdura li qiegħda fiha. Ftit passi bogħod, fil-parti l-aktar dejqa ta' Triq l-Isperanza f'dar Nru. 33, insibu niċċa arzellata bi statwa tal-Madonna tar-Rużarju li tidher li hi kopja tal-vara tar-Rużarju tal-injam li nsibu fir-Rotunda liema vara hi xogħol Pietro Paolo Zahra (1685-1747) fl-1742, taf frott il-Kappillan Mosti Lawrenz Abela (li serva rekord ta' ftit aktar minn 44 sena u nofs fit-tmun tar-raħal sakemm miet fi Frar ta' dan l-annu) u l-viċi tiegħu Dun Ġwann Anġ Sammut (li spiċċa laħaq warajh u b'xorti writna pittura tiegħu fis-sagristija tal-qassisin u l-lapida tiegħu fil-kappellun tas-Salib). Tony Terribile jsemmi li simili għal din l-istatwa (tan-niċċa) ra diversi simili madwar Malta, taf għax diversi vari tal-Madonna tar-Rużarju għandhom l-istess xeħta (fosthom dik taż-Żejtun, ta' Birkirkara, u dik li toħrog minn San Duminku r-Rabat, tliet irħula kbar, qisu għandhom xebh ma' tal-Mosta) taf ikunu nħadmu mill-istess id jew nħadmu waħda fuq l-oħra (tolqotni kif inhuma saqajn il-Bambin, waħda taħt l-oħra f'direzzjonijiet opposti, bil-Bambin innifsu b'idejh miftuħa bħal irid jaqbeż minn ħoġor ommu). Taf fuq wara għad għandha l-mant imtajjar xi ftit 'il fuq kif kien maħdum oriġinarjament mal-vara tagħna tar-Rużarju sakemm dan kien sfortunatament tneħħielha għal kif tidher illum lejn l-1923.[13] Dan forsi rawh żejjed darba ma baqgħux joħorġuha għall-festa ta' Santa Marija. Id-digriet ta' 40 jum indulġenza għal min jgħid 'Sliema' quddiem din in-niċċa mill-Isqof Fra Gejtanu Pace Forno kien ingħata l-Ġimgħa, 28 ta' Settembru, 1866, ftit jiem qabel Ottubru x-xahar tar-Rużarju u l-festa tagħha (dik is-sena mas-6 xhur qabel kienet ħarġet l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta).

Kemm il-Madonna u kemm il-Bambin ma nsibulhomx il-kuruna tar-Rużarju, li taf intilfu maż-żmien għax jaqbel aktar ir-riħ f'din il-parti dejqa, jew taf sidha kien jarmahom biss għax-xahar tal-festa, u forsi b'xi labtu jew ċintura meta jaħbat il-festi tal-Madonna taħt dawn it-titli, jaddattaha skont l-okkażjoni. Irridu niftakru li f'dan l-annu 1866 kien għad m'għandniex il-vara ta' Santa Marija li saret sentejn wara minn Salvatore Dimech u l-vara tar-Rużarju kienet toħroġ minflok, u allura bħalma hu l-każ tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fl-istess triq kantuniera ma' Triq il-Kbira, taf kienu jieħdu ispirazzjoni minnha għall-istatwa li jridu jagħmlu fin-niċċa – issa jekk seħilx huma wkoll xogħol Dimech dawn l-istatwi f'dawn in-niċeċ ma nafx, għalkemm ir-remissa tiegħu fejn sussegwentement ħadem l-istatwa ta' Santa Marija kienet ftit passi 'l bogħod. In-niċċa nsibulha gwarniċun fil-ħoġor tagħha, pilastri fuq kull ġenb jispiċċaw bil-kapitelli, u fuqhom għaddej il-frież tal-entablatura, u fuq kollox pediment f'forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs li ma jidhirx li qatt xi darba kellu l-pedestall bis-salib għalkemm hemm bħal vojt fil-ħajt fejn kellu jiġi. Taħt in-niċċa fil-gwarniċ tal-ħoġor tagħha hemm bħal anella ma' fejn x'aktarx kienet teħel il-ħadida tal-fanal li xi darba seta' kellha li għal xi raġuni mhix fil-linja tan-nofs tan-niċċa imma spustjata ftit lejn ix-xellug, taf biex tikkorrispondi mal-lapida tal-indulġenzi ftit aktar 'l isfel li wkoll għal xi raġuni m'għamluhiex eżatt taħt nofs in-niċċa (forsi biex jevitaw ċerti fili fil-ħajt) u bħal ittellef mis-serjetà tal-ħaġa.

San Ġużepp bil-ġilju f'idu, kumbinazzjoni fi triq li xi snin ilu ssemmiet Triq il-Ġilju (mhux għalih imma għax aktar 'il ġewwa hemm l-iskola li kienet imsemmija *Lily of the Valley* għall-ġilju li jikber fil-wied qrib) u l-Madonna ta' Lourdes żgħira fi Triq il-Mitħna. Niċċa tar-Rużarju fl-iktar parti dejqa ta' Triq l-Isperanza, simili għall-vara tar-Rużarju tal-injam li nsibu fir-Rotunda.



*San Ġużepp bil-ġilju f'idu, kumbinazzjoni fi triq li xi snin ilu ssemmiet Triq il-Ġilju (mhux għalih imma għax aktar 'il ġewwa hemm l-iskola msemmija 'Lily of the Valley' għall-ġilju li jikber fil-wied qrib) u l-Madonna ta' Lourdes żgħira fi Triq il-Mitħna. Niċċa tar-Rużarju fl-iktar parti dejqa ta' Triq l-Isperanza, simili għall-vara tar-Rużarju tal-injam li nsibu fir-Rotunda.*

Jekk naqsmu Triq il-Kbira u nkomplu deħlin fi Triq l-Isperanza, f'dar Nru. 131 insibu niċċa b'San Xmun, waħda mit-tnejn li nsibu ta' dan l-Appostlu fil-Mosta bl-oħra tkun dik tal-portiku u li fiż-żewġ każi nsibuh bis-serrieqa, sinonima mal-martirju li bih inqatel dan l-Appostlu, ċioè mqattgħa biċċiet talli jingħad li kien kisser xi idoli f'tempju pagan. L-istatwa qiegħda merfugħa fuq pedestall żgħir għat-tond u n-niċċa fiha gwarniċ fil-ħoġor tagħha, pilastri tielgħin fuq kull ġenb, u fuq kollox bħal pediment minn dawk ta' għamla trijangolari. M'hemmx salib fuq u ma jidhirx li qatt kellu fanal.

Aktar 'il ġewwa fi Triq l-Isperanza Nru. 196, fil-liwja għall-kappella, insibu niċċa arzellata bi statwa tal-Qalb ta' Ġesù, għandha entablatura magħmula minn arkitrav, frież u gwarniċun ftit aktar imponenti, m'għandiex pediment fuq, iżda minflok insibu tliet pedestalli żgħar b'dawk tal-ġnub qed iżommu bħal skutelli bin-nar ħiereġ minnhom u tan-nofs bis-soltu salib. Hi kompluta bil-fanal oriġinali u l-lapida tal-indulġenza, bid-digriet mill-Isqof Mons. Mauro Caruana tal-31 ta' Lulju, 1916, li fih ta 100 jum indulġenza lil min jgħid 'Kredu' quddiemu, seħel kien xahar u ġurnata mill-festa tal-Qalb ta' Ġesù jekk nieħduha li dik is-sena l-festa ħabtet il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, kif ukoll sentejn u tlett ijiem mindu kienet faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija u li kien fadlilha sentejn u fuq tlett xhur oħra biex tispiċċa.

Jekk naqbżu għall-parti l-oħra tar-raħal, fi Triq Sant' Anton Abbati, fuq ġewwa ta' Sqaq Nru. 2, insibu żewġt idjar li fil-frontispizju tal-arblu tal-bandiera inkorporaw niċċa, waħda minnhom arzellata u tispiċċa bi tliet antifissi fuq, simili għal tal-knisja, fiha statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni, u l-oħra għandha stil sempliċi bi stilla fil-quċċata u b'Sant' Antnin ta' Padova. Jidhru li t-tnejn saru riċentement almenu skont ma jidher minn lapida li hemm taħt dik tal-Madonna bid-data 9 t'April, 1994 (dik is-sena ħabat ġimgħa wara Sibt il-Għid, kumbinazzjoni għal min iħobb in-numeroloġija tiġi 9/4/94, 9+4+9+4=26, u 26+26=52, 52 sena mill-bomba).

Niċċa ta' San Xmun bis-serrieqa fi Triq l-Isperanza u aktar 'l isfel fil-liwja għall-kappella, niċċa tal-Qalb ta' Ġesù. L-Immakulata Kunċizzjoni ta' Triq Sant' Anton Abbati Sqaq Nru. 2, hi statwa li fl-istess għamla ssib diversi fosthom dik fil-kampnar tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi, ġejjin minn pittura tal-Kunċizzjoni tal-1660–1665 tal-pittur famuż Spanjol Bartolomé Esteban Murillo (1609-1685), *The Immaculate Conception of Los Venerables (Soult Madonna)*, fejn il-qamar jidher parti mis-sħaba u qisu ma baqgħax dik l-enfasi kollha fuqu. Fuq il-lemin niċċa oħra li nsibu fil-Mosta nkorporata fi frontispizju ta' arblu, din id-darba ta' Sant' Antnin ta' Padova, ukoll fl-istess sqaq.



*Niċċa ta' San Xmun bis-serrieq fi Triq Speranza, u aktar 'l isfel fil-liwja għall-kappella, niċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Kunċizzjoni ta' Triq Sant' Anton Abbati Sqaq Nru. 2, hi statwa li fl-istess għamla ssib diversi fosthom dik fil-kampnar tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi, u ġejjin minn pittura tal-1660-1665 tal-pittur famuż Spanjol Bartolomé Esteban Murillo (1609-1685), fejn il-qamar jidher parti mis-sħaba. Fuq il-lemin niċċa oħra li nsibu fil-Mosta inkorporata fi frontispizju ta' arblu, din id-darba ta' Sant' Antnin ta' Padova, fl-istess sqaq.*

Fost in-niċeċ li saru riċentement insibu dik fi Triq l-Għarusa tal-Mosta Nru. 21, bi statwa ta' San Bernardu ta' Clairvaux (1090-1153). Hi niċċa arzellata b'pilastri fuq kull ġenb tan-niċċa bil-kapitelli, u fuq, l-entablatura li tispiċċa bi gwarniċun ftit aktar imponenti. Taħt hemm lapida bil-kliem '*Sanctvs Bernardvs Abbas et Ecclesiae Doctor*' (San Bernardu Abbati u Duttur tal-Knisja). Jidher bil-mitra tal-isqof mhux f'rasu imma fejn saqajh għax kien irrifjuta l-offerta li jsir arċisqof ta' Milan fost l-oħrajn, u f'idejh qed iżomm baklu tal-isqof. In-niċċa u l-istatwa huma xogħol l-iskultur Joseph Micallef fl-2014 u fl-2015 rispettivament, b'dan l-annu tal-aħħar jidher imnaqqax ma' pjattaforma żgħira li fuqha hemm l-istatwa.

Niċċa oħra xi ftit eqdem imma wkoll saret riċentement insibuha fi Triq il-Kostituzzjoni Nru. 239, li mhux qiegħda eżatt fil-faċċata imma fil-ġenb tal-ħajt li jifred id-dar minn oħra. In-niċċa arzellata għandha entablatura li tikkonsisti mill-gwarniċun tal-arkitrav, fuqha għaddej il-frież u fuq nett gwarniċun ieħor ftit aktar imponenti, u għandha wkoll fanal tal-ħadid taħtha stil modern imma sabiħ. Fiha statwa ta' San Pawl li flok fil-verżjoni tas-soltu jżomm l-Evanġelju, jidher qed iżomm minflok skroll bil-kliem '*Jien hu li nissiltkom l-Evanġelju fi Kristu*' u bl-istess id qiegħda fuq xabla sinonima ma' dan l-Appostlu li tfakkar fil-martirju tiegħu li qatgħulu rasu biha.

Niċċa oħra oriġinali għall-aħħar li saret ukoll riċentement tinsab fi Triq Gafà Nru. 118, li għandha forma ovali u fil-parti ta' taħt tagħha hemm bħal strixxun għal xi skrizzjoni. Fiha statwa miżbugħa tal-Madonna ta' Lourdes.



*Xi niċeċ u statwi ta' żmienna: San Bernardu fi Triq l-Għarusa tal-Mosta, San Pawl fi Triq il-Kostituzzjoni, biż-żewġ każijiet fejn sid id-dar għamel statwa ad unur il-qaddis li jġib ismu, u Madonna ta' Lourdes fi Triq Gafà. Isfel, Madonna tal-Karmnu fi frontispizju fi Triq il-Kostituzzjoni, San Ġużepp fi Triq il-Kultellazz kantuniera ma' Triq il-Barjol, Madonna ta' Lourdes f'xaqq fil-blat fl-għar tal-kappella ta' San Pawl Eremita bħalma dehret lil Bernardette Soubirous fl-1858, u Qalb ta' Ġesù li ma kellux ħajja twila, li xi darba kien hemm fi Triq il-Ħtajriet.*

## Referenzi


[1] Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2004, p.8, Restawrati żewġ niċeċ fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Victor B. Caruana.

[2] *Five millennium catalog of Lunar Eclipses, Lunar Eclipses: 0001 to 0100*, https://eclipse.gsfc.nasa.gov/LEcat5/LE0001-0100.html.

[3] Joseph Borg, Bidu u żvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta, Il-Mosta: Jannar-April 2000, p.4.

[4] E.B. Vella et al., Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha (Malta, 1986), Żieda X: Il-Mosta fl-aħħar gwerra dinjija, part ii, p.439.

[5] Clifford Vella, L-imtieħen tat-tħin fil-gżejjer Maltin, (Malta, 2002), Kapitlu 10: Mosta, p.71.

[6] Il-Mosta: Novembru-Diċembru 1987, Niċeċ u Statwi fit-Toroq tal-Mosta, żieda ta' Dun Salv Magro ma' dak li kien kiteb Tony Terribile fil-ħarġiet ta' qabel.

[7] Prof. Ray Mangion, Dr Dun Pietru Pawl Xuereb: Il-fundatur tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi, Leħen il-Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes, Qrendi, p.13.

[8] The 1889-1890 pandemic, Wikipedia: The 1889-1890 pandemic, often referred to as the 'Asiatic flu' or 'Russian flu', was a worldwide respiratory viral pandemic. It was the last great pandemic of the 19th century, and is among the deadliest pandemics in history. The pandemic killed about 1 million people out of a world population of about 1.5 billion (0.067% of population).

[9] Raymond Grech, In-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura fi Triq il-Kurat Bezzina, Il-Mosta, Ħarġa Nru. 2, (2006) b'format ġdid, p.57.

[10] Mill-grupp fuq Facebook 'We love Qormi' f'post li tella' fid-29 ta' Diċembru, 2013, fuq din in-niċċa ta' San Anġeliku li għandhom f'Ħal Qormi.

[11] Skont is-sit kappellimaltin.com ma jidhirx li hawn kappelli oħra ddedikati lil Sant' Anġlu Martri f'Malta għajr dik taż-Żejtun.

[12] 'Nobile Giovanni Cumbo, (d. 1511 Mosta), married to Donna Ventura Colonna Romano, with issue,' https://maltagenealogy.com/cumbo/, aċċessat fit-27 ta' Diċembru, 2023.

[13] Joseph Borg, 'Artisti li ħadmu fir-Rotunda tal-Mosta (1) – Antonio Agius', Il-Mosta: Ħarga Nru. 3 (2007), p.45.





**Zikkin Garage**

**Upholsterer**

Also fixing all type of wind screens

CLAUDIO SANT

192, Hope Street, Mosta • Tel: (+356) 2141 9256 • Mob: (+356) 7941 9256

Email: zikkin06@hotmail.com

***Allkeys Cutting Service & Lock Repairs***

L-Iskarpan taċ-Ċwievet







***Shoes & Bags Repairs***

***203, Vjal L-Indipendenza, Mosta***

***Mob: 7921 1816***